

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1811**tal-20 ta' Settembru 2023****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1550 billi tistabbilixxi l-programm tal-kontrolli tal-Kummissjoni għall-2024 fl-Istati Membri biex jivverifika l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-ttrattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 118(1), il-punt (b), tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-responsabbiltà għall-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari hi f'idejn l-Istati Membri, u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jimmonitorjaw u jivverifikaw, permezz tal-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali, li r-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni qed jiġu osservati u infurzati b'mod effettiv. B'mod paralleli ma' dak il-monitoraġġ u dik il-verifika, l-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2017/625 jeżiġi li l-esperti tal-Kummissjoni jagħmlu kontrolli fl-Istati Membri, inkluż awditi, biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Dawk il-kontrolli tal-Kummissjoni jenħtieġ li jsiru fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf, tas-saħħa u t-ttrattament xieraq tal-annimali, tas-saħħa tal-pjanti, tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u tal-funzjonament tas-sistemi tal-kontroll nazzjonali u tal-awtoritajiet kompetenti, li jħaddmuhom, filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji mal-arranġamenti tal-kontroll skont il-politika agrikola komuni.
- (2) Fil-Kapitolu 1 sa 10 tal-Anness tagħha, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1550 ⁽²⁾ stabbiliet programm pluriennali tal-kontrolli li jridu jwettqu l-esperti tal-Kummissjoni fl-Istati Membri biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari għall-perjodu 2021-2025, b'mod allinjat mal-mandat tal-Kummissjoni u li jirrifletti l-prijoritajiet tagħha.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 118(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/625, il-Kapitolu 11 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1550 li jstabbilixxi l-programm tal-kontrolli tal-Kummissjoni għas-sena ta' wara jenħtieġ li jintbagħat lill-Istati Membri sal-aħħar ta' kull sena. Il-Kapitolu 11 jenħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun jirrifletti l-programm tal-kontrolli tal-Kummissjoni pplanati għall-2024.
- (4) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1550 jenħtieġ litigi emendata skont dan.
- (5) Peress li din l-emenda tikkonċerna l-programm annwali tal-kontrolli għall-2024, li japplika mill-1 ta' Jannar 2024, id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi differita biex tikkoinċidi ma' dik id-data,"

⁽¹⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1550 tat-23 ta' Ottubru 2020 li tistabbilixxi l-programm pluriennali ta' kontrolli għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025 li għandhom jitwettqu mill-esperti tal-Kummissjoni fl-Istati Membri biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari (ĠU L 354, 26.10.2020, p. 9).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1550 hu emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1550 hu emendat kif ġej:

(1) Fis-sitt paragrafu, it-tieni sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

“Il-Kapitolu 11 jistabbilixxi l-programm tal-kontrolli għall-2024.”.

(2) Il-Kapitolu 11 hu sostitwit b'dan li ġej:

“11. **Programm tal-kontrolli għall-2024**

Qasam	Qasam ta' prijorità	Fokus fl-2024
Ikel u sikurezza tal-ikel	Ikel li joriġina mill-annimali	Sikurezza tal-laħam tal-mammiferi u tal-għasafar u tal-prodotti tagħhom Sikurezza tal-ħalib u tal-prodotti tiegħu Sikurezza tal-prodotti tas-sajd
	Ikel li ma joriġinax mill-annimali	Sikurezza mikrobijoloġika
	Residwi f'annimali ħajjin u f'ikel li joriġina mill-annimali	Sikurezza kimika – residwi
Għalf u sikurezza tal-għalf	Sikurezza tal-għalf	Iġjene ġenerali tal-għalf (inkluż l-għalf medikat) Prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti derivati
Saħħa tal-annimali	Mard tal-Kategorija A skont ir-Regolament (UE) 2016/429	Deni Afrikan tal-ħnieżer Influenza avjarja b'patoġeniċità għolja Ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż
	Mard tal-Kategoriji B u C skont ir-Regolament (UE) 2016/429	Mard tal-ħut Sistema tal-monitoraġġ għall-mard tal-kategoriji B u C
	Tħejjija u prevenzjoni	Ippjanar ta' kontinġenza kopert bl-awditjar tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja
Trattament xieraq tal-annimali	Fl-azjenda agrikola	Dundjani Ħut (inkluż il-qatla u t-trasport)
Saħħa tal-pjanti	Tifqigħat ta' pesti tal-pjanti	Tifqigħat ta' pesti tal-pjanti li jippreżentaw theddida sinifikanti
	Moviment ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fl-Unjoni	Passaporti tal-pjanti
	Tħejjija u prevenzjoni	Programmi ta' stħarriġ dwar is-saħħa tal-pjanti
PPP u SUD	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPP)	Sikurezza kimika (awtorizzazzjoni, kummerċjalizzazzjoni u użu tal-pestiċidi, pestiċidi illegali, residwi tal-pestiċidi)

Qasam	Qasam ta' prijorità	Fokus fl-2024
Kwalità ta' l-ikel	Biedja organika	Biedja organika
Dħul fl-Unjoni ta' annimali u oġġetti minn pajjiżi terzi	Kontrolli uffiċjali fuq l-annimali u l-oġġetti	Annimali u merkanzija
AMR	Monitoraġġ tar-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) fil-batterji żoonotiċi u kommensali	AMR fil-batterji żoonotiċi u kommensali
Aspetti ġenerali fil-katina agroalimentari	Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar	Segwitu ġenerali u settorjali tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi
	Organiżmi modifikati ġenetikament (GMOs)	GMOs
	Sitwazzjonijiet ta' emerġenza, problemi emerġenti u żviluppi ġodda	Sitwazzjonijiet ta' emerġenza, problemi emerġenti u żviluppi ġodda